**27 ta' Ġunju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Carmela Sciortino
*versus*
Carmelo Vella et.

**Azzjoni Pawljana — "Consilium Fraudis" — "Eventus Damni" — Kreditur — Bejgħ — Lokazzjoni — Retratt Art. 1187 Kap. 23.**

*L-azzjoni pawljana, ossija revokatorja, hija ta' natura personali, anki jekk il-kreditur jiddeżumi l-interess tiegħu li jimpunja l-att li huwa jrid li jiġi revokat minn dritt reali; u l-fondament tagħha jirpoża fuq id-dispożizzjoni tal-liġi li taħseb li l-beni kollha tad-debitur huma l-garanzija tal-kredituri tiegħu. Rekwiżiti tagħha huma l-frode u d-dannu.*

*Il-frode, f'din l-azzjoni, hija element ta' sustanza u obbjettiv, u tista' timmanifesta ruħha taħt diversi aspetti. Tista' tkun diretta u tista' tkun indiretta, jew oġġettiva; u l-piż tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frode u jintenta l-azzjoni revokatorja; għax il-frode fil-kuntratti ma tistgħax tiġi preżunta.*

*Id-dannu jista' jkun, u ġeneralment ikun, attwali u ċert; imma jista' jkun ukoll tali li b'evidenza u ċertezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. Id-dannu jrid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat.*

*Kreditur f'din l-azzjoni mhux biss dak li jkollu kreditu pekunjarju kontra d-debitur, imma kull min għandu azzjoni li tista' tiġi ntentata f'ġudizzju sabiex jiġi reklamat l-adempiment ta' obligazzjoni jew liberazzjoni minn talba ġudizzjarja li tiddanneġġjah.*

*Fil-każ preżenti, wieħed xtara fond, u qabel ma xtrah kien ikkuntratta lokazzjoni mal-bejjiegħ, li qatt ma ried jikri l-fond għax ried dejjem ibiegħu vojt, biex jiġi eluż id-dritt ta' retratt eżistenti fuq il-fond. Ir-retratt ġie eżerċitat, u x-xerrej irrivenda l-fond imma ppretenda li għandu dritt ta'*

*lokazzjoni fuqu. Il-Qorti, b'akkoljiment tal-azzjoni pawljana eżerċitata kontra tiegħu u kontra l-bejjiegħ, irrevokat dik il-lokazzjoni bħala magħmula in frode tad-drittijiet tar-retraent.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi, peress li l-konvenut Carmelo Vella ma kkonsenjax lill-attriċi ċ-ċwievet tal-kumditajiet tal-lok ta' djar li jinsab il-Mellieħa, St. Anne Street 13A. u 13, komponenti dik il-porzjoni li ġiet irkuprata mill-instanti b'ċedola tal-21 ta' April 1958, għaliex jippretendi li, barra li kien xtara dawk il-kumditajiet, huwa kien ħa wkoll in lokazzjoni l-istess kumditajiet bil-kera ta' £15 għal żmien sentejn skond skrittura tad-19 ta' Marzu 1958 (dok. A); u peress li din il-lokazzjoni ta' dawn il-kumditajiet, talvolta magħmula mill-konvenut Giuseppe Caruana favur il-konvenut l-ieħor Carmelo Vella hija revokabbli u annullabbli, għax hija magħmula *in frode* u *in preġudizzju* tad-drittijiet tal-instanti; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni u meħud kwalunkwe provvediment opportun, talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat u deċiż illi l-lokazzjoni tal-kumditajiet tal-lok ta' djar fuq imsemmijin, bl-iskrittura fuq imsemmija tad-19 ta' Marzu 1958, hija revokabbli u annullabbli di fronti għall-attriċi, u konsegwentement tiġi dikjarata riżoluta. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attriċi nkwadrat l-azzjoni tagħha fuq l-azzjoni revokatorja, komunement imsejħa Pawljana, radikata fuq l-art. 1187 tal-Kap. 23 (art. 850 tal-Ordinanza VII tal-1868). li kważi jikkorrispondi għall-art. 1235 tal-Kodiċi Ċivili Taljan l-antik u għall-art. 1167 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża huma, suċċintament, dawn li sejrin jiġu relatati. Giuseppe Caruana. bħala prokuratur ta' Antonio Caruana, ir-raġel ta' bintu Maria,

kellu taħt idejgħ komoditajiet mill-fond imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, li huwa qatt ma ried jikri lil ħadd, imma biss ried ibiegħhom bil-vojt biex ikun jista' jsib il-bejgħ tagħhom aktar faċilment. Wara ħafna tentattivi ta' bejgħ ma' terzi persuni u ma' missier il-konvenut, li ma kellhomx suċċess, fid-19 ta' Marzu 1958 il-konvenut Carmelo Vella, Giuseppe Caruana, u missier il-konvenut Vella li jismu Antonio Vella, iltaqgħu għand in-Nutar Emmanuele Agius fl-uffiċċju tiegħu Birkirkara. F'dik l-okkażjoni, wara li sar xi *diskors li aktar tard jista' jiġi preċiżat* tant minn dak li ntqal kemm minn dak li preżumibbilment intqal, deduċibbli mill-fatti riżultati, l-ewwel sar l-att tal-lokazzjoni (ara dok. 5 u 6) bejn Giuseppe Caruana nomine ma' Carmelo Vella, u mbgħad, immedjatament wara, dak tal-konvenju (dok. AA fol. 23) bejn Giuseppe Caruana għan-nom ta' Antonio Caruana ma' Antonio Vella għall-bejgħ tal-post imsemmi bil-modalità tal-pagament, u ċjoè bil-prezz in parti (il-parti l-kbira) flus, u parti oħra (iżgħar) bi tpartit ta' art rustika. Fit-2 ta' April 1958, fl-attijiet tan-Nutar fuq imsemmi Giuseppe Caruana nomine, flok biegħ il-post lil Antonio Vella, biegħu lill-istess Carmelo Vella, il-konvenut l-ieħor, wara li rriżulta li l-parti permutata tal-art rustika promessa minn Antonio Vella kienet ċens temporaneu li lanqas kien fadallu sena biex jagħlaq. Fil-21 ta' April 1958, l-attriċi, in konsegwenza tat-trasferiment imsemmi, peress li kellha titolu validu għall-irkupru tal-kumditajiet trasferiti, eżerċitat ir-retratt fuqhom, u Carmelo Vella kellu jirrivendilha, imma l-istess Carmelo Vella ma riedx jikkonsenja ċ-ċwievet tal-kumditajiet irkuprati, għax sostna *li huwa kellu d-detenzjoni tagħhom in virtù u forza* tal-kitba tal-lokazzjoni tad-19 ta' Marzu 1959 li kopja tagħha tinsab fil-fol. 5 tal-proċess odjern. Fuq in-nullità jew revokabbilità ta' din l-iskrittura ta' lokazzjoni, li l-attriċi tallega li saret in frode tad-drittijiet tagħha, preċiżament tivverti l-kwistjoni a bażi ta' din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-fatti, in tema legali jingħad li l-azzjoni in bażi *għall-art. 1187 Kap. 23 hija azzjoni* ta' natura personali, anki jekk il-kreditur jiddeżumi l-interess tiegħu li jimpunja l-att li huwa jrid li jiġi revokat minn dritt reali;

u l-fondament tagħha huwa poġġut u jirpoża fuq id-dispożizzjoni tal-liġi li taħseb li l-beni kollha tad-debitur huma l-garanzija tal-kredituri tiegħu;

Ir-rekwiżiti ta' din l-azzjoni, kif huwa risaput, huma l-frode u d-dannu ("consilium fraudis" u l-"eventus damni"). Il-frode hija, f'din l-azzjoni, element ta' sustanza u obbjettiv. Il-frode tista' timmanifesta ruħha taħt diversi aspetti. Infatti, tista' tkun diretta, bħal meta jkun hemm l-"animus nocendi", ċjoè il-propożitu tad-debitur li jiffroda l-kredituri tiegħu, jew indiretta u oġġettiva, biex hekk tissejjah, u ċjoè il-kuxjenza tad-debitur waħdu fil-każ tal-kuntratti gratuwiti, u dik tad-debitur mhux injota wkoll lill-istipulant l-ieħor fil-każ tal-kuntratti onerużi, li l-istess debitur ikollu jew jista' jkollu li b'dak l-att impunjat huwa sejjer jibqa' nsolventi jew li l-patrimonju tiegħu (tad-debitur) mhux sejjer ikun suffiċjenti biex jilqa' soddisfaċentement id-dritt tal-kredituri tiegħu; jew, fi kliem ieħor, id-debitur ma għandux bżonn neċessarjament, qabel l-aljenazzjoni, juża attivament raġġiri u makkinazzjonijiet speċifiċi sabiex jirraġġungi l-iskop tiegħu biex l-att tiegħu jingħad frawdolent, imma biex ikun anki ta'i huwa suffiċjenti li huwa, bl-aljenazzjoni li jagħmel, ikun jaf li qiegħed jirrendi impossibbli jew diffiċli lill-kredituri tiegħu jikkonsegwixxu dak li lilhom jisthoqq in korrispondenza u bħala korollarju neċessarju tad-dritt tagħhom;

Ma għandux bżonn jingħad, l-għaliex dan tgħidu l-liġi, illi l-frode fil-kuntratti ma tistgħax tiġi preżunta; u l-'onus' tal-prova tagħha, skond il-prinċipji komuni f'materja probatorja, jispetta lil min jipproponi l-kawża, u ċjoè l-kreditur li ja'legaha meta jintenta din il-kawża. Din il-prova tista' ssir bil-mezzi tal-prova diretti, kif ukoll dawk indiretti u ndizjarji, jew anki tal-preżunzjonijiet, li jridu jkunu gravi, preċiżi u konkordanti;

Illi, in kwantu għad-dannu, dan jista' u ġeneralment ikun attwali u ċert, imma jista' jkun tali li b'evidenza u ċertezza juri l-periklu tan-nuqqas ta' garanziji tal-kredituri. L-"eventus damni" għalkemm huwa element neċessarju, eppure ma hux suffiċjenti sabiex jikkostitwixxi l-insolvibbilità u dak in-nuqqas ta' garanziji li l-kredituri

għandhom fuq il-beni komuni tad-debitur. Huwa biżżejjed u suffiċjenti li jkun jista' jingħad li jkun hemm dannu meta l-att impunjat jippreġudika l-kreditur, li b'dak l-istess att jiġu lilu mneħħija l-possibbilitajiet li jkun soddisfatt firraġunijiet tiegħu mil-patrimonju tal-istess debitur. Fl-aħħarnett, jingħad li d-dannu, f'din l-azzjoni, li jirriżenti l-kreditur irid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat;

Ikkunsidrat;

Illi jingħad ukoll li, kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Napli fl-20 ta' April 1914 in re Vencia c. Rizzuti (Monitore, anno 1914, paġ. 766) :— "Non può il mandante sottrarsi alle conseguenze dei vizi incorsi nel negozio giuridico eseguito dal mandatario; e però l'azione revocatoria proposta contro un contratto stipulato dal mandatario ha effetto anche verso il mandante"; u dan għal dak li jirrigwarda l-kwalità tal-konvenut Caruana nomine u l-mandanti tiegħu;

Illi jingħad ukoll li huwa risaput li l-kelma "kredituri", użata mill-liġi fl-artikolu li fuq issemma, ma għandhiex tkun intiża fis-sens ristrett ta' kreditu pekunjarju u rispettiv debitu tal-istess natura, iżda in ġenere l-istess għandha tiftiehem għal kull min għandu azzjoni li jista' jintenta f'ġudizzju sabiex jirreklama l-adempiment ta' obligazzjoni jew liberazzjoni minn talba ġudizzjarja li tiddanneġġjah (ara Annali tal-Ġurisprudenza Taljana, sena 1885, paġ. 461, Kassazzjoni ta' Ruma 15 ta' Lulju 1950, in re Ceccarini c. Tosti; u Kummerċ 27 ta' Lulju 1950 "Ciancio vs. Buontempo", konfermata fl-Appell fl-20 ta' Novembru 1950, Vol. XXXIV-III-851). Del resto il-portata tal-kelma "kredituri" hija suffiċjentement imfissra fid-Dritt Komuni għal dawk kollha li għandhom azzjoni ċivili li hija esperibbli (ara L. 42, §1, Digest De Obligat. et Act.; Leggi 90, 54 u 55 Digest. De Verborum Significatione");

Ikkunsidrat;

Illi għall-eżerċizzju tal-azzjoni pawljana ma hemmx bżonn li l-proponent ikollu kreditu likwidu, imma biżżejjed li jkollu dritt li jiġi preġudikat bl-att impunjat (ara Kas-

sazzjoni Torin 3 ta' Frar 1912 in re Ghio c. Compagnoni, Ġurisprudenza Toriniża, sena 1912, paġ. 564). U ġie wkoll stabbilit illi, sabiex tiġi sperimentata l-azzjoni revokatorja, huwa suffiċjenti li r-raġuni tal-kreditu li tkun biss potenzjali għall-epoka "della redazione" tal-att impunjat, issir ċerta wara (ara Appell Catania 6 ta' Mejju 1910 in re Di Martino utrinque, Monitore 1910, paġ. 872; Appell 29 ta' Frar 1932 "Nutar Francesco Catania vs. Walter Ellul Bonnici", Vol. XXVIII-I-254, fejn id-dritt tal-irkupru in potenza meta sar l-att impunjat ġie dikjarat suffiċjenti għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni, u dan għan-numeruża awtorità hemm ċitata; Kassazzjoni ta' Ruma 7 ta' Marzu 1895 in re Rosini c. Tozzi, Ġurisprudenza Toriniża sena 1895, paġ. 479);

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-fatti;

Illi l-iskrittura ta' lokazzjoni tad-19 ta' Marzu 1958, li kopja tagħha tinsab fil-fol. 5 tal-proċess, jirriżulta ċar li saret f'dak l-istess jum qabel il-konvenju. Din il-lokazzjoni ġiet stipulata għal sentejn, li kellhom jibdew jiġu kalkulati mill-ewwel ta' Marzu 1958, u ċjoè dżatax il-ġurnata qabel ma l-istess skrittura ġiet iffirmata. Il-kera ġie fissat għal £15 fis-sena, u kellu jitħallas b'lura kull sena. L-inkwilin Carmelo Vella ma kellux jokkupa l-post lilu mikri qabel l-ewwel ta' April 1958; u l-lokatur Giuseppe Caruana nomine ma kellux, sadattant, jagħtieh iċ-ċavetta. Pattijiet oħra ma ġewx imsemmija;

Illi l-konvenju sar bejn Giuseppe Caruana għan-nom ta' Antonio Caruana fid-19 ta' Marzu 1958 (dok. AA fol. 23), u kien jirrigwarda l-kumditajiet in kwistjoni, li kienu franki u liberi minn ħlasijiet ta' piż u ċnus, bid-drittijiet kollha lilhom spettanti; jinbiegħu lil Vella bil-prezz ta' £1050, li in parti kellu jitħallas bi flus u parti oħra bi tpartit ta' biċċa raba' hemm indikata, li kienet ġiet kalkulata li tiswa £20. Caruana kellu jagħmel il-garanzija tal-paċifiku

pussess għan-nom u fuq ħwejjeġ il-mandanti tiegħu, u l-ispejjeż kellhom jitħallsu skond il-liġi. Fl-aħħarnett, Vella Antonio ddikjara li huwa kien jaf bil-patt li kien qiegħed jixtri l-imsemmijin kumditajiet kif inhuma mikrijin (lill-ibnu Carmelo Vella) bil-£15 fis-sena. In segwitu, però, għar-raġuni allegata fuq il-kuntratt effettiv, li sar minn Caruana lil Carmelo Vella direttament, u mhux lil Antonio Vella, sar bil-ħlas tas-somma ndikata mnaqqas b'£20, li ġew trattenuti mill-kumpratur, u tpartit in kommutazzjoni tal-prezz ma sar xejn;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-provi u l-preżunzjonijiet "hominis" juru li l-lokazzjoni kuntrattata minn Giuseppe Caruana u Carmelo Vella, fuq l-insistenzi u bil-ko-operazzjoni ta' Antonio Vella, missier Carmelo, il-konvenut, kienet mezz subdolu sabiex tiġi danneġġjata l-attriċi, u sabiex l-istess tiġi eventwalment dissważa milli teżerċita d-dritt tagħha tal-irkupru. Infatti, huwa fatt assodat li l-konvenut Giuseppe Caruana qatt ma ried jikri dak l-istess post, imma dejjem ried ibiegħu, għax hekk ried il-kostitwent tiegħu, li jinsab stabbilit barra minn dawn il-Gżejjer (ara depożizzjoni Antonio Fenech fol. 24, Giuseppe Bartolo fol. 30). Anki n-Nutar Agius (fol. 36) qal li, meta Carmelo u Antonio Vella marru għandu ma' Giuseppe Caruana, l-istess Antonio Vella nsista ma' l-attur biex dan jikri l-post lil Carmelo Vella, imma Caruana għall-ewwel ma riedx jikrihulu; u non ostante li Antonio Vella kellu f'rasu li huwa kien sejjer jixtri l-istess kumditajiet għal Carmelo Vella, baqa' jinsisti li ssir dik il-lokazzjoni. Il-fatt, mbgħad, tar-ripjeg tal-parti permuta u xiri bi flus minn Antonio Vella kienet sempliċi messa in xena; l-għaliex Caruana, li dejjem ried ibiegħ, ma kellux l-"animus" li jakkwista dik il-biċċa art konvenuta in permuta bħala parti tal-korrispettiv tal-bejgħ;

Jingħad li wara li n-Nutar Agius qal li kienet sejra bejn ta' Vella u Caruana ssir permuta biex jiġi evitat eventwali retratt, mbgħad, wisq inġenwament, afferma li l-iskop prinċipali ta' Antonio Vella kien li Caruana jikri l-post lil Carmelo Vella, u mhux li jixtrieħ; u dan huwa konfer-

mat mill-fatti sussegwenti, meta għar-raġunijiet ben noti l-istess Carmelo Vella, li ottjena in lokazzjoni l-kumditajiet imsemmija preventivament, xtara direttament il-post, kif missieru kien qal li kien qiegħed jagħmel għalieh, u b'dan kien a konjizzjoni l-istess Caruana. Infatti, kieku l-konvenju sar direttament ma' Carmelo Vella, il-lokazzjoni anteċedenti kienet turi ċar għal fejn saret, meta ta' Vella kienu wrew li riedu jevitaw ir-retratt;

B'dan kollu, ir-ripjeg makkinat mill-konvenut Vella u missieru, bil-konoxxenza ta' Caruana, ma jħallix kamp ugwalment għal-kopertura tal-frode operata għad-dannu tal-attriċi. Jingħad ukoll li l-kera pattwit, fil-konfronti tal-prezz u l-pagament tiegħu in arretrat kull sena, kontra l-użu komuni, juru wkoll l-intendiment dannus tal-konvenuti. Anki d-data antiċipata tal-inkominċjament tal-lokazzjoni hija sintomatikament, fil-kumpless tal-provi, evidenti. Caruana, li soltu jagħmilha ta' sensal, u li qatt ma ried jikri l-post, kien jaf li jekk tagħti l-post in lokazzjoni bid-diffikultà tkun tista' tkeċċi lil min ikun fih, u kwindi seta' kien jaf li, jekk isir bejgħ tal-post lokat, u xi ħadd jirkuprah, ir-retraenti li jakkwista l-fond ma jkunx jista' jkollu ħlief id-dominju tiegħu imnezza mill-godiment;

Illi kwindi l-lokazzjoni magħmula mill-konvenut Caruana nomine lill-konvenut Carmelo Vella kienet frawdolenta u dannuża għall-attriċi;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi, prevja l-konferma tar-relazzjoni peritali, tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż kollha għall-konvenuti.